MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

20 ta’ Ġunju 2023

# L-MFSA Tippublika r-Rapport Annwali 2022 li Jenfasizza r-Reżiljenza Kontinwa tal-Industrija

L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) illum ħabbret il-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tagħha għas-sena li għalqet fil-31 ta’ Diċembru 2022, rapport li jħares lura lejn sena ta’ reżiljenza kontinwa quddiem sfidi globali.

Fl-2022, l-industrija finanzjarja f’Malta kellha andament pożittiv li kkontribwixxa Eur1.178 biljun f’Valur Gross Miżjud għall-ekonomija, li rriżulta f’żieda ta’ 4.3% fuq is-sena ta’ qabel. Is-settur ra wkoll żieda sinifikanti fl-impjiegi, b’aktar minn 17,000 impjegat jaħdmu fi ħdan l-industrija – tkabbir notevoli ta’ 26% meta mqabbel mal-2021.

Dan it-tkabbir huwa rifless ukoll fin-numru ta’ applikazzjonijiet li rċeviet l-MFSA fl-2022, b’ċerti setturi, bħall-admissibility to listing of securities, saħansitra jaraw żieda ta’ 70%. L-Awtorità rċeviet 355 applikazzjoni b’kollox fis-setturi kollha matul is-sena, li 24% minnhom ġew irtirati jew rifjutati.

Fl-2022, l-MFSA wettqet total ta’ 674 interazzjoni superviżorja, li kienu jinkludu firxa ta’ reviews kemm onsite kif ukoll offsite. Dawn kienu jinkludu 364 laqgħa, sitt Supervisory Review and Evaluation Processes, 217-il spezzjoni, 76 reviżjoni tematika, u 11-il eżerċizzju ta’ mystery shopping. F’konformità mal-fokus bla waqfien tal-Awtorità fuq il-Kontra l-Ħasil tal-Flus (AML) u l-Ġlieda Kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (CFT), 84% tal-interazzjonijiet superviżorji kellhom element AML/CFT.

Fl-2022, l-Awtorità kompliet ittejjeb is-superviżjoni tagħha biex tinkludi fornituri ta’ servizzi korporattivi (CSPs), kif ukoll introduċiet żewġ funzjonijiet ġodda, waħda ddedikata speċifikament għas-sorveljanza tas-swieq kapitali, u oħra għal trustees u CSPs. Dan wassal għal sorveljanza aktar iffukata u komprensiva ta’ dawn is-setturi, li qabel kienu ssorveljati ma’ setturi oħra fl-industrija. Matul is-sena, ittieħdu total ta’ 44 azzjoni ta’ infurzar, li jammontaw għal €147,445 f’pieni.

Sabiex tkompli ttejjeb il-kapaċità superviżorja tagħha u twieġeb b'mod effettiv għall-ħtiġijiet tas-settur tas-servizzi finanzjarji li dejjem qed jinbidlu, fl-2022 l-MFSA ikkonfermat il-parteċipazzjoni tagħha fl-EU Supervisory Digital Finance Academy, qabel ma jidħol fis-seħħ ir-regolament Markets in Crypto-Assets (MiCA). Il-Finanzi Sostenibbli huma żvilupp kbir ieħor

li jaffettwa s-settur b'mod ġenerali. Hekk kif il-miri tad-dinja għan-newtralità tal-karbonju jersqu aktar fil-qrib u l-finanzi sostenibbli qed jiksbu aktar importanza, is-sena li għaddiet l-Awtorità stabbilixxiet policy team tal-finanzi sostenibbli biex jiggwida lill-industrija dwar ir-rekwiżiti stabbiliti mir-regolamenti tal-UE.

It-titjib tal-ħiliet tan-nies tagħha jibqa' fiċ-ċentru tal-kisbiet tal-MFSA, bil-Financial Supervisors Academy tipprovdi aktar minn 21,000 siegħa ta' taħriġ lit-tim – żieda ta' 16% fuq l-2021, u b'aktar minn 2,000 siegħa ddedikati speċifikament għal AML/CFT.

Fl-2022 l-Awtorità lestiet b'suċċess proġett kumpless ta' disinn mill-ġdid tal-infrastruttura tal-IT u upgrades biex ittejjeb b'mod sinifikanti l-iskalabbiltà futura, ir-reżiljenza operattiva u d-disaster recovery response times. L-MFSA kompliet tinvesti wkoll fis-cybersecurity sabiex tipproteġi s-servizzi, is-sistemi u d-data tagħha. Hekk kif l-Awtorità tkompli bil-programm ta' diġitalizzazzjoni mifrux fuq bosta snin, fl-2022 l-MFSA ċċentralizzat l-immaniġjar tar-rekords, estendiet il-funzjonalità fuq pjattaformi legacy u kompliet tfassal mill-ġdid il-proċessi tagħha biex twitti t-triq għall-fażi li jmiss ta' investimenti fis-sistemi tal-informazzjoni, fl-eżekuzzjoni ta' programm ta' trasformazzjoni tagħha.

L-2022 kienet ikkaratterizzata wkoll mill-impenn tal-MFSA li żżid it-trasparenza, prinċipalment permezz ta' policies u n-noti ta' gwida dwar il-proċeduri ta' infurzar, li ppubblikat matul is-sena. L-involviment mal-pubbliku baqa' wkoll prijorità ewlenija, wara li ħadet aktar minn 200 inizjattiva ta' outreach fl-2022 biss.

Waqt li rrifletta fuq dawn ir-riżultati, iċ-Chairman tal-MFSA, Jesmond Gatt, stqarr: "Ir-riżultati miksuba matul is-sena l-oħra jirriflettu l-impenn tal-leġiżlaturi ta' Malta u l-ġurisdizzjoni li jappoġġjaw l-industrija tas-servizzi finanzjarji. L-MFSA hija impenjata li tkun faċilitatur ta' innovazzjoni finanzjarja sostenibbli u teknoloġika fi ħdan is-settur."

Kenneth Farrugia, il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, żied jgħid: "Jien dħalt għal dan ir-rwol ta' CEO fl-MFSA b'sens ta' umilta' u enerġija. Meta nħares 'il quddiem, l-MFSA hija soda fiż-żamma ta' standards għoljin, fil-protezzjoni tal-konsumaturi, u fit-tisħiħ tal-fiduċja tal-investituri. Dawn il-pilastri jiggwidaw l-azzjonijiet tal-Awtorità u l-objettivi strateġiċi deskritti fl-iStrategic Statement tagħna, li aħna nikkommettu li nilħqu fit-tliet snin li ġejjin permezz ta' sett ta' tragwardi definiti. Nemmnu wkoll li t-tisħiħ tas-sinerġiji mal-istakeholders kollha tagħna huwa fattur ewlieni biex jiġi żgurat it-tkabbir sostenibbli tas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta."

Ir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-MFSA għall-2022 huma disponibbli fuq il-websajt tal-MFSA.

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Fl-2018, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,000 entità fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

@L-MFSA Tippublika r-Rapport Annwali 2022 li Jenfasizza r-Reżiljenza Kontinwa tal-Industrija

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt